

32005L0074

26.10.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 282/9

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2005/74/KE

tal-25 ta' Ottubru 2005

Li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE dwar l-istipolar tal-livelli massimi ta' residwi ta' l-ethofumesate, il-lambda-cyhalothrin, il-methomyl, il-pymetrozine u t-thiabendazole fiha

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru ta' l-1990 dwar l-iffissar tal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa u fuq iċ-ċereali u ċerti prodotti oħra li joriġinaw mill-pjanti, inklużi il-frott u l-ħxejjex ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti għall-protezzjoni ta' pjanti ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 4 (1) tagħha,

Billi:

- (1) Skond id-Direttiva 91/414/KEE, l-awtorizzazzjonijiet dwar il-prodotti ta' protezzjoni ta' pjanti għall-użu fuq ħxejjex speċifiċi huma risponsabbiltà ta' l-Istati Membri. Dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-ewvalwazzjoni ta' l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u l-influenza tagħhom fuq l-ambjent. Elementi li jridu jittieħdu in konsiderazzjoni ftali ewvalwazzjonijiet jinkludu l-espożizzjoni ta' l-operatur u ta' persuna fil-qrib u l-impatt fuq ambjenti fl-art, akkwatiċi u fl-arja, kif ukoll l-impatt fuq il-bnedmin mill-konsum ta' residwi ta' ħxejjex li ġew ittrattati.
- (2) Il-livelli massimi ta' residwi (MRLs) jirriflettu l-użu ta' kwantitajiet massimi ta' pestiċidi għall-protezzjoni effettiva tal-pjanti, li jiġu applikati b'tali mod li l-ammont ta' residwu huwa l-iżgħar ammont prattikabbli u li huwa aċċettat tossikoloġikament, partikolarment fit-termini ta' stima ta' konsum fid-dieta.

- (3) L-MRLs għall-pestiċidi għandhom jinżammu taħt revizzjoni. Jistgħu jinbidlu sabiex jittieħed in konsiderazzjoni xi użu ġdid, xi informazzjoni u xi data ġdida.

⁽¹⁾ ĠU L 350, 14.12.1990, pġ. 71. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/48/KE (ĠU L 219, 24.8.2005, p. 29).

⁽²⁾ ĠU L 230, 19.8.1991, pġ. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

- (4) L-MRLs huma stipolati fil-livell l-aktar baxx ta' l-iskoperta analitika fejn l-użu awtorizzat tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma' jirriżultawx flivelli ta' residwi ta' pestiċidi li huma rintraċċabbli ġewwa jew fuq il-prodott ta' l-ikel, jew fejn m'hemm ebda użu awtorizzat, jew fejn l-użu awtorizzat mill-Istati Membri ma' kellhomx l-appoġġ tad-data meħtieġa, jew fejn l-użu fpajjiżi terzi li jirriżultaw f'residwi ġewwa jew fuq il-prodotti ta' l-ikel li jistgħu jiċċirkolaw fis-suq tal-Komunità ma' ġewx appoġġati minn tali data meħtieġa.

- (5) L-Infurmazzjoni dwar użu ġdid jew użu li ġie alterat ta' ċerti pestiċidi koperti mid-Direttiva 90/642/KEE ġiet innotifikata lill-Kummissjoni. Din tikkonċerna l-ethofumesate, il-lambda-cyhalothrin, il-methomyl, il-pymetrozine u t-thiabendazole.

Fil-każ ta' *lambda-cyhalothrin*, *methomyl* u *pymetrozine* li għalihom teżisti doża ta' referenza akuta (ARfD), l-espożizzjoni akuta tal-konsumatur permezz ta' kull prodott ta' l-ikel li jista' jkun fih residwi ta' dawn il-pestiċidi ġiet assessjata u evalwata skond il-proċeduri u prattiki li jintużaw bħalissa fi ħdan il-Komunità Ewropea, waqt li jiġu kkunsidrati l-linji gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. L-opinjoni jiet tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti, b'mod partikolari l-parir u r-rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi ta' prodotti ta' l-ikel li huma trattati bil-pestiċidi, ttieħdu in konsiderazzjoni. L-assessor ta' kemm jittieħed *lambda-cyhalothrin*, *methomyl* u *pymetrozine* juri, li billi jiġu stipolati il-MRLs ikkonċernati, ArfD ma' jiġix eċċedut. Fil-każ ta' l-ethofumesate, it-thiabendazol, assessjar ta' l-infurmazzjoni disponibbli wera li ebda ArfD huwa meħtieġ u għalhekk assessjar għal perijodu qasir mhux meħtieġ.

- (6) Għalhekk huwa xieraq li jkun hemm stipolar tal-livelli massimi għar-residwi ta' dawkl il-pestiċidi.

- (7) Fid-dawl ta' l-iżviluppi teknoloġiċi u xjentifiċi, jista' jkun xieraq li jkun hemm stipolar ta' MRLs speċifiċi għall-prodotti li huma relativament ġodda fil-Komunità bħalma huma "il-Papajja" u "l-Cassava" Għalhekk, l-lista ta' eżempji fil-gruppi speċifikati fl-Anness I tad-Direttiva 90/642/KEE għanda tiġi emendata b'mod xieraq.

- (8) L-istipolar jew il-modifikazzjoni fuq livell Komunitarju ta' MRLs proviżorji ma jevitax li l-Istati Membri milli jistabilixxu MRLs proviżorji għall-*ethofumesate* skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE u ta' l-Anness miegħu. Huwa meqjus li perijodu ta' żmien ta' erba' snin huwa suffiċjenti sabiex jiġi permess aktar użu tas-sustanzi kkonċernati. Il-MRL proviżorju għandhu b'hekk isir definittiv.
- (9) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma stipolati b'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali;

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-oġġett "papajja" huwa inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 90/642/KEE taħt il-kategorija 1 (vi) frottiet diversi bejn l-oġġetti "Żebbuġ" u "Frotta tal-Fjura tal-Passjoni" L-oġġett "Cassava" huwa inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 90/642/KEE taħt il-kategorija 2 (i) ħxejjex taħt forma ta' tuberi jew eġhruq bejn l-oġġetti "Karrotti" u "Krafes".

Artikolu 2

Id-Direttiva 90/642/KEE hi emendata kif ġej:

- (1) Fl-Anness II, il-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ta' *l-ethofumesate*, *il-lambda-cyhalothrin*, *il-methomyl*, *il-pymetrozine* u *t-thiabendazole* huma mibdula b'dawk li jinstabu fl-Anness I ta' din id-Direttiva.
- (2) Fl-Anness II, il-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ta' *l-ethofumesate* huma inklużi kif stipolat fl-Anness II ta din id-Direttiva.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux iktar tard minn [sitt xhur wara d-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea], il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom, mingħajr ebda telf ta' żmien, jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella li turi l-korrelazzjoni ta' bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet minn [sitt xhur u ġurnata wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati bit-tali referenza fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif it-tali referenza għandha ssir.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b' din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar il-25 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni Ewropea

ANNEX I (1)

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom il-MRL jista' jiġi applikat	Pymetrozine	Lambda-cyhalothrin	Ethofumesate (sum of ethofumesate and the metabolite 2,3-dihydro-3,3-dimethyl-2-oxo-benzofuran-5-yl methane sulphonate expressed as ethofumesate)	Methomyl/Thiodicarb (sum expressed as methomyl)	Thiabendazole
1. Frott, frisk, imnixxef jew mhux imsajjar, ppreżervat bl-iffriżar, li ma fihx zokkor miżjud; ġewż			0,05 (*) (P)		
(i) FROTT TAĊ-ĊITRU	0,3 (P)				5
Grejpfrut		0,1		0,5	
Lumi		0,2		1	
Xkomp		0,2		1	
Mandolin (inklużi il-klementini u ibridi oħrajn)		0,2		1	
Larinġ		0,1		0,5	
Pomelos		0,1		0,5	
Oħrajn		0,02 (*)		0,05 (*)	
(ii) ĠEWŻ MINN SIĠAR (bil-qoxra jew mingħajr)	0,02 (*) (P)	0,05 (*)		0,05 (*)	0,1 (*)
Lewż					
Ġewż tal-Brażil					
Ġewż ta' l-anakardju					
Qastan					
Ġewż ta' l-Indi					
Ġellewż					
Macadamia					
Ġewż Amerikan					
Prinjol					
Pistaċċi					
Ġewż					
Oħrajn					
(iii) FROTT LI FIH IL-KARPELLI FIN-NOFS JISSE-JHU "POME"	0,02 (*) (P)	0,1		0,2	
Tuffieħ					5
Lanġas					5
Sfarġel					
Oħrajn					0,05 (*)

(1) Għall-kumdità tal-qarrej, il-valuri MRL li huma mibdula huma sottolineati

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom il-MRL jista' jiġi applikat	Pymetrozine	Lambda-cyhalothrin	Ethofumesate (sum of ethofumesate and the metabolite 2,3-dihydro-3,3-dimethyl-2-oxo-benzofuran-5-yl methane sulphonate expressed as ethofumesate)	Methomyl/Thiodicarb (sum expressed as methomyl)	Thiabendazole
(iv) FROTT TA' L-GĦADMA					0,05 (*)
Berquq	0,05 (P)	0,2		0,2	
Ċiras				0,1	
Ħawħ (inklużi n-nuċiprisk u ibridi simili)	0,05 (P)	0,2		0,2	
Għajnbaqar				0,5	
Oħrajn	0,02 (*) (P)	0,1		0,05 (*)	
(v) FROTT ŻĠĦIR IMĠERREB BĦAL FRAWLI	0,02 (*) (P)				0,05 (*)
(a) Għeneb ta' l-ikel u ta' l-inbid		0,2			
Għeneb ta' l-ikel				0,05 (*)	
Għeneb ta' l-inbid				1	
(b) Frawli (mhux salvaġġ)		0,5		0,05 (*)	
(c) Frott tal-qasab (ħlief dak salvaġġ)		0,02 (*)		0,05 (*)	
Tut					
Dewberries					
Loganberries					
Lampun					
Oħrajn					
(d) Frott żgħir ieħor (ħlief dak salvaġġ)				0,05 (*)	
Bilberries					
Cranberries					
Passolina (aħmar, iswed u abjad)		0,1			
Gooseberries		0,1			
Oħrajn		0,02 (*)			
(e) Berries u frott żgħir salvaġġ		0,2		0,05 (*)	
(vi) DIVERSI	0,02 (*) (P)	0,02 (*)		0,05 (*)	
Avocado					15
Banana					5
Tamal					
Tin					
Kiwi					

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom il-MRL jista' jiġi applikat	Pymetrozine	Lambda-cyhalothrin	Ethofumesate (sum of ethofumesate and the metabolite 2,3-dihydro-3,3-dimethyl-2-oxo-benzofuran-5-yl methane sulphonate expressed as ethofumesate)	Methomyl/Thiodicarb (sum expressed as methomyl)	Thiabendazole
Kumquat					
Litchis					
Mango					5
Żebbuġ					
Papajja					10
Frott tal-fjura tal-Passjoni					
Ananas					
Rummien					
Oħrajn					0,05 (*)
2. Ħxejjex, friski jew mhux imsajrin, iffriżati jew imnixxfin					
(i) ĦXEJJEX FIL-FORMA TA' TUBERI JEW EGH-RUQ	0,02 (*) (P)				
Pitrava zokkrija			0,1 (P)		
Karrotti					
Cassava					<u>15</u>
Krafes		0,1			
Mustarda użata għaz-zalza					
Artiċokk					
Zunnarija bajda					
Egħruq tat-tursin					
Ravanell		0,1		0,5	
Sassefrika					
Patata ħelwa					<u>15</u>
Swedes					
Turnip					
Jam					<u>15</u>
Oħrajn		0,02 (*)	0,05 (*) (P)	0,05 (*)	0,05 (*)
(ii) ĦXEJJEX FIL-FORMA TA' BASAL	0,02 (*) (P)		0,05 (*) (P)	0,05 (*)	0,05 (*)
Tewm					
Basal					
shallots					
Spring Onions		0,05			
Oħrajn		0,02 (*)			

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li ghalihom il-MRL jista' jiġi applikat	Pymetrozine	Lambda-cyhalothrin	Ethofumesate (sum of ethofumesate and the metabolite 2,3-dihydro-3,3-dimethyl-2-oxo-benzofuran-5-yl methane sulphonate expressed as ethofumesate)	Methomyl/Thiodicarb (sum expressed as methomyl)	Thiabendazole
(iii) ĦXEJJEX LI HUMA L-FROTTA TAL-PJANTA			0,05 (*) (P)		0,05 (*)
(a) Solanacea					
Tadam	0,5 (P)	0,1		0,5	
Bżar	1 (P)	0,1		<u>0,2</u>	
Brunġiel	0,5 (P)	0,5		0,5	
Oħrajn	0,02 (*) (P)	0,02 (*)		0,05 (*)	
(b) Cucurbit – li tittiekel il-qoxra	0,5 (P)	0,1		0,05 (*)	
Ħjar					
Pikles					
Zukkini					
Oħrajn					
(c) Cucurbit- tal-qoxra li ma tittikilx	0,2 (P)	0,05		0,05 (*)	
Bettieħ					
Ħxejjex li jissejħu <i>squashes</i>					
Dulliegħ					
Oħrajn					
(d) Qamħir-rum (sweetcorn)	0,02 (*) (P)	0,05		0,05 (*)	
(iv) ĦXEJJEX BRASSICA			0,05 (*) (P)		
(a) Brassika li tagħmel il-fjuri	0,02 (*) (P)	0,1			
Brokkli (inkluża il-Calabrese)				0,2	5
Pastard					
Oħrajn				0,05 (*)	0,05 (*)
(b) Brassika bir-ras				0,05 (*)	0,05 (*)
Kaboċċi ta' Brussell		0,05			
Kaboċċi tar-ras	0,05 (P)	0,2			
Oħrajn	0,02 (*) (P)	0,02 (*)			
(c) Brassila bil-weraq		1		0,05 (*)	0,05 (*)
Kaboċċi taċ-Ċina					
Kale	<u>0,1</u> (P)				
Oħrajn	0,02 (*) (P)				
(d) Qarabagħli	0,02 (*) (P)	0,02 (*)		0,05 (*)	0,05 (*)

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom il-MRL jista' jiġi applikat	Pymetrozine	Lambda-cyhalothrin	Ethofumesate (sum of ethofumesate and the metabolite 2,3-dihydro-3,3-dimethyl-2-oxo-benzofuran-5-yl methane sulphamate expressed as ethofumesate)	Methomyl/Thiodicarb (sum expressed as methomyl)	Thiabendazole
(v) ĦXEJJEX LI JITTIEKLU L-WERAQ TAGĦHOM & ĦAXIX AROMATIKU FRISK					0,05 (*)
(a) Ħass u simili	1 (P)	1	0,05 (*) (P)		
Krexxuni					
Ħass tal-ħaruf					
Ħass				2	
Scarole (indivja tal-werqa wiesa)					
Oħrajn				0,05 (*)	
(b) Spinaċi u simili	0,02 (*) (P)	0,5	0,05 (*) (P)	2	
Spinaċi					
Weraq tal-pitravi					
Oħrajn					
(c) Krexxuni ta' l-ilma	0,02 (*) (P)	0,02 (*)	0,05 (*) (P)	0,05 (*)	
(d) Witloof	0,02 (*) (P)	0,02 (*)	0,05 (*) (P)	0,05 (*)	
(e) Ħxejjex aromatiċi	1 (P)	1	1 (P)	2	
Maxxita					
Kurrat salvaġġ					
Tursin					
Weraq tal-karfus					
Oħrajn					
(vi) ĦXEJJEX LEGUMI (friski)	0,02 (*) (P)		0,05 (*) (P)	0,05 (*)	0,05 (*)
Fażola (bil-miżwed)		0,2			
Fażola (mingħajr miżwed)		0,02 (*)			
Fażola (bil-miżwed)		0,2			
Piżelli(mingħajr miżwed)		0,2			
Oħrajn		0,02 (*)			
(vii) ĦXEJJEX FORMA TA' ZOKK (friski)	0,02 (*) (P)		0,05 (*) (P)	0,05 (*)	0,05 (*)
Asparagu					
Kardun					
Karfus		0,3			
Bużbież					
Qaqoċċa					
Kurrat		0,3			
Rabarbru					
Oħrajn		0,02 (*)			

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li ghalihom il-MRL jista' jiġi applikat	Pymetrozine	Lambda-cyhalothrin	Ethofumesate (sum of ethofumesate and the metabolite 2,3-dihydro-3,3-dimethyl-2-oxo-benzofuran-5-yl methane sulphonate expressed as ethofumesate)	Methomyl/Thiodicarb (sum expressed as methomyl)	Thiabendazole
(viii) FAQQIEGĦ	0,02 (*) (P)		0,05 (*) (P)	0,05 (*)	
(a) Faqqiegħ ikkoltivat		0,02 (*)			10
(b) Faqqiegħ salvaġġ		0,5			0,05 (*)
3. ŻRIERAGĦ IMNIXXFIN	0,02 (*) (P)	0,02 (*)	0,05 (*) (P)	0,05 (*)	0,05 (*)
Fażola					
Għads					
Piżelli					
Oħrajn					
4. ŻJUT TA' ŻRIERAGĦ		0,02 (*)	0,1 (*) (P)		0,05 (*)
Żerriegħa tal-kittien					
Karawett				0,1	
Żerriegħa tal-peprin					
Ġulġien					
Żerriegħa tal-ġirasol					
Żerriegħa tal-lift					
Żerriegħa tas-soja				0,1	
Żerriegħa tal-mustarda					
Żerriegħa tal-qoton	0,05 (P)			0,1	
Oħrajn	0,02 (*) (P)			0,05 (*)	
5. PATATA	0,02 (*) (P)	0,02 (*)	0,05 (*) (P)	0,05 (*)	
Patata mhux misjura					0,05 (*)
Varjazzjonijiet ta' patata					15
6. TE (weraq imnixxef u zkuk, iffermentati jew mod ieħor, <i>Camellia sinensis</i>)	0,1 (*) (P)	1	0,1 (*) (P)	0,1 (*)	0,1 (*)
7. Hops (imnixxef), inkluż pritikuni tal-ħops u forma ta' ħops fi trab mhux ikkonċentrat	5 (P)	10	0,1 (*) (P)	10	0,1 (*)

(*) Jindika il-limitu l-iktar baxx għall-iskoperta analitika

(P) Jindika li l-għola livell tar-residwu li ġie stabbilit proviżorjament skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE.

ANNEX II

Residwu ta' Pestiċida u livell massimu ta' residwu (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Ethofumesate (somma ta' ethofumesate u ta' metabolite 2,3-dihydro-3,3-dimethyl-2-oxo-benzofuran-5-yl methane sulphonate espress bħala ethofumesate)
8. Ħwawar	<u>0,5</u> ^(p)
Żerriegħa tal-kemmun	
Żerriegħa tal-ġnibru	
Noċemuskata	
Bżar, iswed u abjad	
Minżwed tal-vanilla	
Oħrajn	

^(p) Jindika li l-ogħla livell tar-residwu ġie stabbilit proviżorjament skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE.